Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/955/PESK

tal-15 ta' Diċembru 2009

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

(ĠU L 330, 16.12.2009, p. 76)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/747/PESK tat-2 ta' Diċembru 2010	L 318	44	4.12.2010

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/955/PESK

tal-15 ta' Diċembru 2009

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani [1] (EUPOL COPPS) għal perijodu ta' tliet snin. Il-fażi operattiva tal-EUPOL COPPS bdiet fl-1 ta' Jannar 2006. L-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK ġiet estiża bl-Azzjoni Konġunta 2008/958/PESK [2] sal-31 ta' Diċembru 2010.

(2) Huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010.

(3) Huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet li taħthom l-EUPOL COPPS tista' tirrekluta persunal fuq bażi kuntrattwali.

(4) Il-EUPOL COPPS għandu jkollha unità ta' proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti.

(5) L-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, għandu jiżdied punt:

"(d) Il-Missjoni għandu jkollha unità ta' proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti. Il-Missjoni għandha, kif meħtieġ, tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi pariri dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u l-Istati terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom, f'oqsma relatati mal-Missjoni u b'appoġġ tal-objettivi tagħha.";

(2) Fl-Artikolu 8,

(a) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Iċ-ċittadini tal-Istati Membri għandhom jiġu reklutati fuq bażi kuntrattwali mill-EUPOL COPPS kif meħtieġ, jekk il-funzjonijiet meħtieġa mhumiex previsti mill-persunal isse-kondat mill-Istati Membri.";

[1] ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.
[2] ĠU L 338, 17.12.2008, p. 75.

▼B

(b) paragrafu 4 ġdid għandu jiddaħħal kif ġej:

"4. L-EUPOL COPPS għandha tirrekluta wkoll persunal lokali kif meħtieġ.";

u l-paragrafi li jifdal għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid skont dan.

▼M1

—————

▼B

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.